MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2012

Talba Numru. 679/2011

**Atlas Insurance PCC Limited (C5601) f'isimha proprju u kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha The Catering Centre Limited**

**vs**

**Eurobridge Shipping Services Limited u Kaless Services Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici ddikjarat illi s-socjeta' The Catering Centre Limited inkarigat lis-socjeta' intimata *Eurobridge Services Limited* sabiex tittrasporta merkanzija lejn Malta (liema merkanzija ngarret bil-bahar permezz tal-MV Clipper u waslet Malta fil-25/08/10) u meta l-imsemmija merkanzija giet ikkonsenjata lil The Catering Centre Limited mis-socjeta' intimata l-ohra Kaless Services Limited fil-31 ta' Awissu, 2010, rrizulta li kien hemm diversi hsarat fl-istess

merkanzija, ghal liema hsarat huma responsabbli s-socjetajiet intimati jew min minnhom.

Peress illi ai termini tal-polza ta' assikurazzjoni relattiva s-socjeta' rikorrenti Atlas Insurance PCC Limited hallset lill-assigurata taghha s-somma ta' elfejn u tlett mitt Ewro (€2,300), u ghalhekk is-socjeta' rikorrenti hija surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha.

Peress illi s-socjetajiet intimati jew min minnhom huma ghalhekk debituri tas-socjeta' rikorrenti fis-somma ta' elfejn u tlett mitt Ewro (€2,300), rappresentanti l-valur tal-indennizz tal-hsarat fil-merkanzija relattiva, kollox kif premess;

Bl-imghax legali mill-20 ta' April, 2011 sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez kontra s-socjetajiet intimati jew min minnhom, li minn issa jibqghu ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Ra r-risposta tal-konvenuti, li permezz taghha eccepew illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.  Illi l-oggetti gew ikkonsenjati fi stat tajjeb u ghaldaqstant it-talba ma tistghax tintlaqgha.  Illi in effetti meta l-konsenja giet rilaxxjata ma gie fl-ebda hin indikat xi hsara.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi mid-deposizzjoni li nghatat mir-rapprezentant tas-socjeta' attrici rrizulta illi l-azzjoni giet proposta konsegwenza ta' hsara li allegatament irrizultat f'merkanzija proprjeta' tal-assigurata taghhhom, is-socjeta' The Catering Centre Limited, liema merkanzija waslet Malta fil-25 ta' Awissu, 2010 tramite tal-agent Eurobridge Shipping Services Limited, u li giet trasportata ghal gewwa l-mahzen tas-socjeta' The Catering Centre Limited

minn Kaless Services Limited fil-31 ta’ Awissu, 2010, u dan wara li l-merkanzija inhattet fil-*bonds* f’Hal Far.

Illi l-hsara lmentata giet allegatament ikkawzata f’hames units, u aktar precizament f’zewg fridges, u tliet freezers, tnejn *two door* u wahda *single door*. Illi mill-istharrig li gie mwettaq mill-*marine cargo claim handler* impjegat mas-socjeta’ attrici, irrizulta li l-hsara kienet tikkonsisti f’ghafiesi f’uhud mill-bibien ta’ din il-merkanzija, kif ukoll hsara f’xi roti li fuqhom ikunu qed jistriehu dawn il-*white goods*. Illi dwar din il-hsara gie mhejji rapport u ttiehdu xi ritratti (a fol.30 *et seq.*). Irrizulta wkoll illi wahda minn dawn l-*appliances* ir-rapprezentant tas-socjeta’ attrici ma rahix meta mar sabiex iwettaq l-istharrig tieghu, ghaliex kienet inbieghet lil terzi, izda bi skont, minhabba li kienet irrizultatilha xi hsara. Illi r-rapport in kwistjoni huwa datat 17 ta’ Frar, 2011, filwaqt illi l-claim kien sar fil-25 ta’ Ottubru, 2010.

Illi minn korrispondenza li giet ipprezentata, jirrizulta illi s-socjeta’ The Catering Centre Limited bghatet tinforma lis-socjeta’ konvenuta Eurobridge Shipping Services Limited dwar il-hsara fil-merkanzija permezz ta’ ittra datata 22 ta’ Settembru, 2010, ghal-liema ittra, is-socjeta’ konvenuta bghatet ir-risposta taghha – li permezz taghha kienet qedha tirrespingi l-pretensjonijiet tal-assigurata tas-socjeta’ attrici – permezz ta’ ittra datata 27 ta’ Ottubru, 2010. Illi f’din l-ittra ghamlet referenza ghall-fatt illi l-ittra tat-22 ta’ Settembru, 2010 kienet ircevitha dakinhar stess, u cioe’ fis-27 ta’ Ottubru, 2010, permezz ta’ e-mail.

Illi s-socjeta’ attrici, da parti taghha u wara li ghamlet l-istharrig mehtieg, wettqet hlas lill-assigurata taghha, u cioe’ The Catering Centre Limited, fl-ammont ta’ elfejn u tlett mitt Ewro (€2,300), u dan kif jirrizulta mis-*subrogation form* li s-socjeta’ assigurata ffirmat a favur tas-socjeta’ attrici, datata 20 ta’ April, 2011 (a fol. 22). Illi dan il-hlas jirraprezenta l-ammont reklamat in forza ta’ din l-azzjoni. Illi in segwitu ghal dan il-pagament, is-socjeta’ attrici bdiet tikkorrispondi mas-socjetajiet konvenuti permezz ta’ ittri f’Mejju 2011, li da parti taghhom it-tnejn irrespingew il-pretensjonijiet tas-socjeta’ attrici.

Illi skond id-deposizzjoni li nghatat mir-rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta Eurobridge Shipping Services Limited, meta l-merkanzija giet ikkonsenjata lill-burdnar inkarigat mis-socjeta’ konvenuta l-ohra, u cioe’ Kaless Services Limited - u aktar precizament billi din il-merkanzija giet mghobbija minn persuni impjegati mas-socjeta’ konvenuta Eurobridge Shipping Services Limited fuq trucks tas-socjeta’ konvenuta l-ohra, u giet trasportata sal-imhazen ta’ The Catering Services Limited minn persuna impjegata mas-socjeta’ konvenuta Kaless Services Limited - il-merkanzija in kwistjoni ma kien fiha ebda hsara. Illi konferma ta’ dan huwa l-fatt illi ma hemm ebda kumment dwar hsara fuq id-delivery note (a fol.26) li giet iffirmata mill-burdnar inkarigat mis-socjeta’ konvenuta Kaless Services Limited; madanakollu xehed ukoll illi wara li saru xi diskussjonijiet mal-*bond operator* u r-rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta l-ohra, Charles Cini, ikkonferma illi fil-fatt kien hemm xi hsara f’xi pellets li fuqhom giet ikkonsenjata l-merkanzija. Illi l-hsara kienet lokalizzata f’dik il-parti tal-pellets fejn jaqbad il-fork lifter sabiex din il-merkanzija tkun tista’ tintrefa’ u tigi trasportata. Madanakollu jsostni wkoll illi l-burdnar ma hassx il-htiega illi jikteb ebda rimarka in rigward din il-hsara ghaliex din it-tip ta’ hsara hija komuni hafna, u minhabba l-fatt illi ma kien hemm ebda hsara vizibbli fil-*packaging* tal-merkanzija. Dan l-istess rapprezentant ddikjara illi din il-merkanzija hu personalment ma rahix. Ir-rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta Kaless Services Limited ukoll iddikjara illi l-merkanzija hu personalment ma rahix.

Illi l-*bond operator* tas-socjeta’ konvenuta Eurobridge Shipping Services Limited, Christopher Zammit, xehed illi meta waslet din il-konsenja mertu ta’ din il-kawza, kien hemm blokka ta’ pellet li kienet imkissra. Xehed ukoll illi din hija hsara komuni fil-pellets, u li ghalhekk ma sar ebda annotament fuq id-dokumenti relattivi ghall-konsenja in rigward.

Illi l-burdnara inkarigati mis-socjeta’ konvenuta Kaless Services Limited sabiex jigbru l-merkanzija mill-*bonds* u jikkonsenjawha fl-imhazen tas-socjeta’ The Catering

Centre Limited, ddikjaraw in kwantu ghal Christopher Cini illi kien qed jaghraf il-merkanzija li tidher fir-ritratti li gew pprezentati mar-rapport, bhala dik li giet ikkonsenjata minnhom lil The Catering Centre Limited. Madanakollu, iddikjara wkoll illi l-merkanzija kif tidher fir-ritratti mhux kif tkun giet ikkonsenjata minnhom, ghaliex meta din tigi kkonsenjata minnhom, tkun ghadha ppakkeggjata. Xehed ukoll illi din il-merkanzija ma nfethitx fil-presenza tieghu meta wassluha fl-imhazen ta' The Catering Centre, u ghalhekk ma jistax jghid f'liema stat kienet fuq gewwa. Xehed ukoll illi l-merkanzija tigi mghobbija fuq it-trailers tas-socjeta' Kaless Services Limited minn persuni inkarigati mis-socjeta' Eurobridge Shipping Services Limited, madanakollu, ma jiftakarx illi kien hemm 'gia xi hsara fil-pellets f'dak il-waqt. Il-burdnar l-iehor, Paul Busuttil jiddikjara illi l-merkanzija tinhatt fuq it-trailers tas-socjeta' konvenuta Kaless Services Limited minn persuni impjegati mas-socjeta' konvenuta l-ohra Eurobridge Shipping Services Limited, u ma jeskludix illi l-pellets 'gia kien fihom il-hsara meta kienu qed jitghabbew; madanakollu, xehed ukoll illi hu kien prezenti waqt li kienet qed tigi mghobbija l-merkanzija, u ma nnota ebda hsara fil-pellets.

Ikkunsidra,

Illi fil-fehma ta'dan it-Tribunal, huwa fatt rilevanti hafna illi ghalkemm il-konsenja lis-socjeta' The Catering Centre Limited saret fil-31 ta'Awissu, 2010, l-ewwel ilment li tressaq minn din is-socjeta' mas-socjetajiet konvenuti dwar allegata hsara fil-merkanzija kkonsenjata, u aktar specifikament mas-socjeta' konvenuta Eurobridge Shipping Services limited, kien fit-22 ta' Settembru, 2010 – jekk wiehed iqis id-data indikata fuq l-ittra li ntbaghtet (a fol.18) – jew fis-27 ta' Ottubru 2010, jekk wiehed joqghod fuq l-informazzjoni riportata fl-ittra mibghuta mis-socjeta' konvenuta Eurobridge Shipping Services Limited b'risposta ghall-imsemmija ittra. Illi l-procedura li solitament tadopera s-socjeta' The Catering Centre Limited jidher li hija li meta tigi kkonsenjata merkanzija fl-imhazen taghha, skond kemm il-konsenja tkun kbira, jibda mill-ewwel il-process ta' tnehhija tal-ippakkeggjar. Illi

filwaqt illi l-*logistics manager* ta' din l-istess socjeta' ddikjara illi kien prezenti meta giet ikkonsenjata l-merkanzija u nnota li l-pellets kien fihom il-hsara, xehed illi bl-eccezzjoni tal-annotament illi ghamel fuq id-*delivery note* illi kien hemm erbgha (4) pellets imkissrin, u li jinforma minnufih lill-ufficju dwar il-hsara li jkun sab, hu ma ha ebda azzjoni ohra. Illi li huwa rilevanti wkoll huwa l-fatt illi minkejja li dan il-manager allura avza lill-ufficju minnufih dwar il-hsara, is-socjeta' The Catering Centre damet sal-25 ta' Ottubru, 2010 sabiex ressqet il-claim mas-socjeta' attrici.

Illi t-trapass ulterjuri ta' zmien sakemm il-*claim handler* mar iwettaq l-ispezzjoni fuq il-merkanzija li allegatament garrbet il-hsara fit-tragitt sal-mahzen tas-socjeta' The Catering Centre – liema spezzjoni imbaghad saret fi Frar, 2011 – jirrifletti, fil-fehma ta' dan it-Tribunal, dewmien esagerat li jdghajjef l-asserzjoni li saret mis-socjeta' assigurata illi din il-hsara giet ikkawzata fil-merkanzija konsegwenza ta' negligenza waqt it-tghabbija u trasportazzjoni taghha. Illi l-fatt li ma hemm ebda deskrizzjoni tal-hsara lmentata, hlief fir-rapport ta' Frar 2011, jirreka dubbji serji dwar meta setghu gew ikkawzati tali hsarat, gialadarba l-*claim handler* ra l-merkanzija kwazi sitt (6) xhur wara. Illi lanqas fl-ittra tat-22 ta' Settembru, 2010 ma hemm ebda deskrizzjoni tal-hsara riskontrata fil-merkanzija in kwistjoni. Illi l-unika osservazzjoni li saret tempestivament minn impjegat tas-socjeta' The Catering Centre Limited kien permezz tar-rimarka li saret fid-*delivery note*, u dan limitatament dwar il-pellets, u mhux dwar il-merkanzija per se. Madanakollu, lanqas f'dan id-dokument ma hemm informazzjoni sufficjenti sabiex iwassal lil dan it-Tribunal ghall-konvinzjoni illi l-hsara lmentata giet fil-fatt ikkawzata f'xi stadju qabel mal-merkanzija giet ikkonsenjata lis-socjeta' in kwistjoni.

Illi ghalkemm il-burdnara u r-rapprezentanti tas-socjetajiet konvenuti rrikonoxxew li seta' kien hemm xi hsara fil-pellets, dan ma jwassalx ghal xi certezza illi kien hemm hsara ukoll fil-merkanzija per se. Illi dan oltre l-fatt illi ghalkemm fir-rapport imhejji mill-*claim handler* hemm

indikazzjoni tal-hsara li nnota, tali deskrizzjoni ma twassalx ghall-accertazzjoni illi din il-hsara giet ikkawzata waqt illi l-merkanzija kienet qed tigi trasportata u mmanuvrata mis-socjetajiet konvenuti, partikolarment ladarba l-ispezzjoni saret bosta zmien wara l-konsenja.

Illi ghalkemm il-provi li ghandhom jigu mressqa minn min qed jipproponi l-azzjoni ghandhom ikunu sal-grad ta' probabilita', madanakollu, minn evalwazzjoni tal-provi u c-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal mhux konvint illi din il-hsara fil-merkanzija necessarjament giet ikkawzata mis-socjetajiet konvenuti, jew xi wahda minnhom, ghaliex it-tip ta' hsara deskritta setghet saret fi kwalunkwe stadju iehor, anke waqt illi l-merkanzija kienet qed tigi manuvrata minn impjegati tas-socjeta' The Catering Centre waqt illi kienet fil-mahzen.  Illi fic-cirkostanzi, it-Tribunal ser jghaddi sabiex jakkolji l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjetajiet konvenuti, u konsegwentement jichad it-talba tas-socjeta' attrici.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jilqa' l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjetajiet konvenuti, jichad it-talba tas-socjeta' attrici, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------